# WIRJA TA' VAŻUNI TEĦODNA
# MINGĦAND AFRODITE GĦAL GĦAND EROS

**Stqarrija | 26 ta' Mejju 2023**

Għadd ta' vażuni Griegi li jiffurmaw parti mill-kollezzoni ta' riserva tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija se jkunu esebiti fl-istess mużew, f'wirja żgħira bl-isem *From Aphrodite to Eros: Mythology on the Greek Vases in the National Collection* li tibda minn għada, 27 ta' Mejju, u tibqa' għaddejja sal-21 ta' Settembru.

Għalkemm jeżistu rekords ta' għotjiet ta' vażuni minn individwi privati lill-Mużew Nazzjonali, għad irid isir aktar stħarriġ biex tkun magħrufa b'ċertezza l-provenjenza tal-vażuni Griegi li jinsabu għall-wiri bħalissa. Dak li hu magħruf fiż-żgur hu li meta Ġan Franġisk Abela ħalla b'legat il-kollezzjoni tiegħu lill-Ġiżwiti fl-1637, huwa semma, fost oġġetti oħra, erba' vażuni tat-tafal bi tpinġijiet ta' figuri bl-iswed u bl-aħmar.

Aktar tard, uħud minn dawn il-vażuni Griegi ġew iddokumentati bi tpinġijiet mill-artist Jean Houël fil-ktieb *Voyage pittoresque des isles de Sicile, de Malte et de Lipari*, ippubblikat fl-1782. Antonio Annetto Caruana wkoll iddokumenta dawn il-vażuni fir-rapport tal-1882 bl-isem *Report on Phoenician and Roman Antiquities in the Group of the Islands of Malta.*

L-importanza estetika tal-vażuni tinsab fil-valur artistiku tagħhom. Kif jimplika t-titlu tal-wirja, xeni mill-mitoloġija Griega spiss kienu jitpinġew fuq dawn il-vażuni, li għaddew minn ġenerazzjoni għal oħra flimkien man-narrattiva tal-istess mitoloġija. Afrodite u Eros kienu tnejn mis-suġġetti preferuti biex jidhru fuq il-vażuni, billi jirrappreżentaw l-imħabba u l-kuntentizza. Is-Satiri u l-Menadi li kienu jaqdu lill-alla Dijonisju wkoll kienu jitpinġew spiss fuq il-vażuni għax kienu jirrappreżentaw l-eċċentriċità u l-ferħ.

*From Aphrodite to Eros: Mythology on the Greek Vases in the National Collection* tagħti ħarsa lejn it-teknika tal-manifattura tal-vażuni, għal xiex kienu jintużaw dawn ir-reċipjenti, u meta nħadmu. Il-wirja hija mmirata kemm lejn l-adulti kif ukoll lejn udjenzi iżgħar fl-età, u tinkoraġġihom biex isiru jafu aktar dwar dawn il-vażuni Griegi u l-mitoloġija marbuta magħhom.

Ktejjeb dwar din il-wirja jinsab għall-bejgħ mill-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija. Verżjoni diġitali tinsab hawn:

https://issuu.com/heritagemt/docs/aphrodite_to_eros_-_cover_issue?fr=sYzI3YTI5NjA0MDk

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta